

**Brussell, 12 ta' Ottubru 2021
(OR. en)**

**12742/21
ADD 1**

**JAI 1083
ASIM 82
MIGR 226
RELEX 839
FRONT 355
VISA 208
CADREFIN 436**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Settembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 590 final - ANNEX 1
Suġġett:	ANNEX tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠĠJUNI dwar ir-Rapport dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 590 final - ANNEX 1.

Mehmuż: COM(2021) 590 final - ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2021
COM(2021) 590 final

ANNEX 1

ANNEX


tal-


**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar ir-Rapport dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil










Inwettqu l-Pjan Direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil








Is-sitwazzjoni f' Settembru 2021

 **Magħmula** (meta l-azzjoni kienet mistennija mill-Kummissjoni); jew **Maqbula** (meta l-azzjoni kienet mistennija mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill)












 Għall-**proposti leġislattivi**: ftehim rapidu possibbli; Għal **azzjonijiet mhux leġislattivi**: għaddej/qed isir progress





 Qbil possibbli jekk ikun hemm impenn politiku qawwi mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE

Azzjonijiet	Skeda ta' Żmien Indikattiva	Deskrizzjoni	Sitwazzjoni Attwali
Qafas komuni Ewropew għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil			
II-Kummissjoni:			
Tipproponi Regolament dwar l-Ażil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, inkluż mekkaniżmu ġdid dwar is-solidarjetà	Fit-tielet trimestru tal-2020	<i>Adottata f' Settembru 2020:</i>	
Tipproponi leġislazzjoni ġdida li tistabbilixxi proċedura ta' skrinjar fil-fruntiera esterna	It-tielet trimestru tal-2020	<i>Adottata f' Settembru 2020:</i>	
Temenda l-proposta ta' Regolament ġdid dwar il-Proċeduri tal-Ażil sabiex tinkludi proċedura ġdida fil-fruntiera u tagħmel il-proċeduri tal-ażil aktar effettivi	It-tielet trimestru tal-2020	<i>Adottata f' Settembru 2020:</i>	
Temenda l-proposta tar-Regolament Eurodac biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' <i>data</i> tal-qafas il-ġdid	It-tielet trimestru tal-2020	<i>Adottata f' Settembru 2020:</i>	
Taħtar Koordinatur tar-Ritorn fil-Kummissjoni, appoġġat minn Network ta' Livell Għoli għar-Ritorni u strateġija operazzjonali ġdida	L-ewwel trimestru tal-2021	<i>Għaddeja l-proċedura tal-ħatra</i>	
Tistabbilixxi Strateġija ġdida dwar ir-ritorni volontarji u r-riintegrazzjoni	L-ewwel trimestru tal-2021	<i>Adottata f' Settembru 2021:</i>	
Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex):			
Iddaħħal fis-seħħ bis-sħiħ il-mandat imsaħħaħ dwar ir-ritorn u tipprovdi appoġġ sħiħ lill-Istati Membri fil-livell nazzjonali	Fir-raba' trimestru tal-2020	<i>Kurrenti</i>	
Taħtar Viċi Direttur Eżekuttiv għar-Ritorn	It-tieni trimestru tal-2021	<i>Kurrenti</i>	
Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill:			
Jadottaw ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni kif ukoll ir-Regolament dwar l-	It-tieni trimestru	<i>Qed jitħejja r-rapport tal-</i>	

Iskrinjar u r-Regolament rivedut dwar il-Proċeduri tal-Ażil	tal-2021	<i>Parlament. Għaddejnin in-negożjati fil-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill.</i>	
Jagħtu prijorità minnufih għall-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil	Fir-raba' trimestru tal-2020	<i>Intlaħaq qbil politiku</i>	
Jiżguraw l-adozzjoni malajr tar-Regolament rivedut dwar il-Eurodac	Fir-raba' trimestru tal-2020	<i>Abbozz ta' rapport ippreżentat fil-Kumitat LIBE. Id-diskussjonijiet fil-Kunsill immedja mill-ġdid fit-8 ta' Settembru.</i>	
Jiżguraw l-adozzjoni rapida tad-Direttiva riveduta dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza u r-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika	It-tieni trimestru tal-2021	<i>Il-ftehim proviżorju bejn il-Parlament u l-Kunsill ma ġiex approvat mill-Kunsill prinċipalment minħabba l-approċċ ta' pakkett.</i>	
Jiżguraw il-konklużjoni rapida tan-negożjati fuq id-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn	It-tieni trimestru tal-2021	<i>L-abbozz ta' rapport tal-Parlament għad irid jiġi adottat. Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali f'Ġunju 2019.</i>	
Sistema b'saħħitha ta' tħejjija u rispons għall-kriżijiet			
II-Kummissjoni:			
Tippreżenta Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni	It-tielet trimestru tal-2020	<i>Adottata f'Settembru 2020:</i>	
Tipproponi leġislazzjoni li tindirizza sitwazzjoni ta' kriżi u force majeure u tħassar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja	It-tielet trimestru tal-2020	<i>Adottata f'Settembru 2020:</i>	
Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill:			
Jipprijoritizzaw u jikkonkludu l-ħidma fuq l-istrument il-ġdid dwar il-kriżijiet	It-tieni trimestru tal-2021	<i>Qed jitħejja r-rapport tal-Parlament. Id-diskussjonijiet għadhom ma bdewx fil-gruppi ta' ħidma tal-</i>	

		<i>Kunsill.</i>	
Jenħtieġ li l-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni:			
Jibdew l-implimentazzjoni tal-Blueprint dwar it- Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal- Kriżijiet tal-Migrazzjoni	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>L-implimentazzjoni b'diet u għadha għaddejja.</i>	●
Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri			
Il-Kummissjoni:			
Tadotta Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-attivitajiet ta' salvataġġ ta' entitajiet privati	It-tielet trimestru tal-2020	<i>Sarilha segwitu, inkluż permezz tattaqqif tal-Grupp ta' esperti dwar it-tiftix u s-salvataġġ</i>	●
Tippreżenta gwida lill-Istati Membri biex tagħmilha ċara li s-salvataġġ fil-baħar ma jistax jiġi kriminalizzat	It-tielet trimestru tal-2020	<i>Qed tiġi implimentata u segwita</i>	●
Tadotta Strateġija dwar il-futur ta' Schengen	L-ewwel trimestru tal-2021	<i>Adottata f'Ġunju 2021</i>	●
Tistabbilixxi Forum ta' Schengen	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Stabbilit f'Novembru 2020</i>	●
Tniedi grupp ġdid Ewropew ta' esperti dwar it-tiftix u s-salvataġġ	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Tnieda f'Marzu 2021</i>	●
Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Frontex:			
Jiżguraw l-implimentazzjoni rapida u sħiħa tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>L-attivitajiet ta' implimentazzjoni għadhom għaddejjin fl-oqsma differenti koperti mir-Regolament EBCG.</i>	●
Jiżguraw l-implimentazzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira	Ir-raba' trimestru tal-2023	<i>Għaddejja bħalissa. Il-Kummissjoni tkompli l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri.</i>	●
It-tisħiħ tal-ġlieda kontra t-traffikar ta' migranti			
Il-Kummissjoni se:			
Tippreżenta Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE kontra t-Traffikar tal-Migranti għall-2021 u l-2025	It-tieni trimestru tal-2021	<i>Adottat fid-29 ta' Settembru 2021</i>	●

Tibda l-valutazzjoni dwar kif tista' ssaħħa l-effettività tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Adottata f'Settembru 2021:</i>	
Tibni azzjoni kontra t-traffikar ta' migranti fi sħubijiet ma' pajjiżi terzi	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Kurrenti</i>	
Il-ħidma mas-sħab internazzjonali tagħna			
Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli u mal-Istati Membri, se:			
Tniedi ħidma minnufih biex ikunu żviluppati u approfonditi djalogi u sħubijiet komprensivi u bbilanċjati dwar il-migrazzjoni mfassla apposta	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Il-ħidma tnediet u għadha għaddejja ma' diversi pajjiżi fil-qafas ta' djalogi u sħubijiet eżistenti.</i>	
Iżżid l-appoġġ biex tgħin lil dawk li huma fil-bżonn u lill-komunitajiet li jospitawhom	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Kurrenti</i>	
Iżżid l-appoġġ għall-opportunità ekonomika u l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Kurrenti</i>	
Tagħti spinta lill-migrazzjoni fil-kuntest tal-ippogrammar ta' strumenti ġodda fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Il-programmazzjoni għadha għaddejja.</i>	
Teżamina alternattivi għal ftehimiet u arranġamenti ġodda tal-UE dwar ir-riammissjoni	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Kurrenti</i>	
Tuża l-Kodiċi dwar il-Viżi biex tinċentivizza u ttejjeb il-kooperazzjoni għall-faċilitazzjoni tar-ritorn u r-riammissjoni, filwaqt li tħejji wkoll għad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolament dwar l-Ażil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni	L-ewwel trimestru tal-2021	<i>L-ewwel rapport adottat fi Frar 2021</i>	
Tkompli l-ħidma fuq ir-rakkomandazzjoni dwar it-toroq legali biex tingħata protezzjoni fl-UE, fosthom ir-risistemazzjoni	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Kurrenti</i>	
Tiżviluppa Sħubijiet ta' Talenti tal-UE ma' pajjiżi sħab ewlenin	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Kurrenti</i>	
Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill:			
Jikkonkludu malajr in-negozjati dwar ir-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Il-ftehim proviżorju bejn il-Parlament u l-Kunsill ma ġiex approvat mill-Kunsill prinċipalment minħabba l-approċċ ta'</i>	

		<i>pakkett.</i>	
Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE			
Il-Kummissjoni se:			
Tniedi dibattitu dwar il-passi li jmiss fuq il-migrazzjoni legali, b'konsultazzjoni pubblika	It-tielet trimestru tal-2020	<i>Ir-riżultati tal-Evalwazzjoni ġew ippubblikati fl-2021.</i>	
Tipproponi pakkett ta' Ħiliet u Talent li jinkludi reviżjoni tad-Direttiva tar-Residenti fit-Tul u tirrieżamina d-Direttiva dwar il-Permess Uniku, kif ukoll tiżviluppa l-alternattivi għall-ħolqien ta' Ġabra ta' Talent tal-UE	Ir-raba' trimestru tal-2021	<i>Qed titħejja</i>	
Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill:			
Jikkonkludu n-negozjati fuq id-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Intlaħaq fehim politiku f'Mejju 2021.</i>	
Nappoġġaw l-integrazzjoni għal soċjetajiet aktar inklużivi			
Il-Kummissjoni se:			
Tadotta Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni għall-perjodu bejn l-2021 u l-2024	Ir-raba' trimestru tal-2020	<i>Stabbilit f'Novembru 2020</i>	
Timplimenta s-Sħubija Ewropea ġdida għall-Integrazzjoni ma' sħab soċjali u ekonomiċi u tesplora l-possibbiltà ta' kooperazzjoni futura fil-qasam tal-migrazzjoni tal-ħaddiema	L-ewwel trimestru tal-2021	<i>Kurrenti</i>	